*KONTUMACI*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Novembru, 2001**

**Numru: 6**
**Citaz. Numru: 277/01/RCP**

**Colour Image Limited**

**vs**

**Mark Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Island Motoring Publication and Printing Services**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm3,376.51 (tlett elef, tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Ottubru 2000 bhala bilanc ta' prezz ta' *printing services* moghtija lill-konvenut.

Illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallas din is-somma pero' baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut.

Illi l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Illi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida x'jissolleva.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167, tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3,376.51 oltre l-imghax legali mis-6 ta' Ottubru 2000 bilanc ta' prezz ta' *printing services* moghtija mill-attur lill-konvenut f'dan l-ahhar zmien.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru. 400/01 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut pro et noe li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3,376.51 oltre l-imghax legali mis-6 ta' Ottubru 2000 bilanc ta' prezz ta' *printing services* moghtija mill-attur lill-konvenut f'dan l-ahhar zmien.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru. 400/01 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**15 ta' Novembru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Novembru, 2001**